



IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Brussell, 2.8.2012
COM(2012) 429 final

RAPPORT TAL-KUMMISSJONI

**dwar l-applikazzjoni fl-2011 tar-Regolament (KE) Nru 1049/2001 dwar l-aċċess
pubbliku għal dokumenti tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni**

RAPPORT TAL-KUMMISSJONI

dwar l-applikazzjoni fl-2011 tar-Regolament (KE) Nru 1049/2001 dwar l-aċċess pubbliku għal dokumenti tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni

DAĦLA

Dan ir-rapport, imfassal skont l-Artikolu 17(1) tar-Regolament (KE) Nru 1049/2001 dwar l-aċċess pubbliku għal dokumenti tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni¹, ikopri s-sena 2011 u hu bbażat fuq dejta statistika miġbura fil-qosor fl-Anness.

Dawn l-istatistiki jirriflettu n-numru ta' applikazzjonijiet u mhux ta' dokumenti mitluba. Fil-prattika, l-applikazzjonijiet jistgħu jkopru dokument wieħed waħdu jew fajls sħaħ dwar xi proċedura speċifika. L-applikazzjonijiet għal aċċess tad-dokumenti li kienu pubblikament aċċessibbli fil-mument tat-talba mhumiex inklużi.

1. Reviżjoni tar-Regolament (KE) Nru 1049/2001

1.1. Żewġ proposti differenti għar-reviżjoni tar-Regolament 1049/2001 mressqa mill-Kummissjoni Ewropea għadhom suġġetti għal riflessjoni interistituzzjonali. L-ewwel proposta għal riformulazzjoni tar-Regolament, ippreżentata mill-Kummissjoni fit-30 ta' April 2008, tintroduċi serje ta' emendi sostanzjali, li jiċċaraw l-interpretazzjoni tar-Regolament 1049/2001. It-tieni proposta tressqet mill-Kummissjoni fil-21 ta' Marzu 2011 bil-ħsieb li tadatta r-Regolament 1049/2001 għar-rekwiżiti formali tat-Trattat ta' Lisbona billi testendi l-kamp ta' applikazzjoni istituzzjonali tar-Regolament għall-istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji kollha tal-Unjoni Ewropea, b'xi restrizzjonijiet rigward il-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja, il-Bank Ċentrali Ewropew u l-Bank Ewropew tal-Investment.

1.2. Il-Parlament Ewropew adotta l-pożizzjoni tiegħu rigward iż-żewġ proposti fl-ewwel qari fil-15 ta' Diċembru 2011 li tipproponi 63 emenda. Il-Presidenza Daniża tal-Kunsill kienet qed tikkunsidra għażliet varji sabiex il-proċess leġiżlattiv jitmexxa 'l quddiem bil-ħsieb li jintlaħaq ftehim bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni.

2. Reġistri u Siti fuq l-Internet

2.1. Matul is-sena 2011, 19,956 dokument ġdid ġew miżjuda fir-reġistru tad-dokumenti tal-Kummissjoni (ara t-tabella fl-Anness).

2.2. Skont l-Artikolu 17(1) tar-Regolament 1049/2001 il-Kummissjoni għandha tipprovdi fir-rapporti annwali tagħha n-numru ta' dokumenti fil-pussess tagħha li jkunu "sensittivi" skont it-tifsira tal-Artikolu 9(1) tar-Regolament² u li għalhekk ma jkunux

¹ ĠU L 145, 31.5.2001, p. 43

² "Dokumenti li ġejjin mill-istituzzjonijiet jew mill-aġenziji mwaqqfa minnhom, mill-Istati Membri, pajjiżi terzi jew Organizzazzjonijiet Internazzjonali, klassifikati bħala "TRÉS SECRET/TOP SECRET",

ġew irreġistrati. Ir-reġistru pubbliku tal-Kummissjoni kopra d-dokumenti COM, C, ĠU, PV u serje SEC sal-aħħar tal-2011. Fl-2011 l-ebda dokument sensitiv ma nħoloq jew wasal għand il-Kummissjoni, li jaqa' fi ħdan waħda minn dawn il-kategoriji ta' dokumenti.

- 2.3. It-tabella hawn taħt turi l-istatistika għall-2011 dwar il-konsultazzjoni tas-sit "Trasparenza u Aċċess għad-Dokumenti" fuq EUROPA.

| | Numru ta' viżitaturi | Numru ta' sessjonijiet | Paġni meqjusa |
|------------------|----------------------|------------------------|---------------|
| Total | 41,408 | 46,191 | 425,434 |
| Medja kull xahar | 3,451 | 3,849 | 35,453 |

3. Kooperazzjoni mal-istituzzjonijiet l-oħra soġġetti għar-Regolament

Il-kumitat interistituzzjonali mwaqqaf skont l-Art. 15(2) tar-Regolament ma tlaqqax matul l-2011. It-tliet istituzzjonijiet (il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni) żammew kuntatti regolari fuq livell amministrattiv bil-ħsieb li jiżguraw applikazzjoni konsistenti tar-Regolament.

4. Analiżi tal-Aplikazzjonijiet Għall-Aċċess

- 4.1. Fl-2011, il-fluss ta' talbiet għall-aċċess fl-**istadju inizjali** baqa' pjuttost stabbli b'żieda żgħira ħafna fin-numru ta' applikazzjonijiet (6447 fl-2011 meta mqabbla ma' 6361 fl-2010) u saħansitra tnaqqis iżgħar fl-għadd ta' tweġibiet fuq il-bażi tar-Regolament 1049/2001 (6055 fl-2011 meta mqabbla ma' 6127 fl-2010).

- 4.2. Fir-rigward tal-istadju konfermattiv, in-numru tal-applikazzjonijiet li waslu naqsu bi kważi 9 % (165 applikazzjoni ġdida konfermatorja fl-2011 kontra l-181 fl-2010). L-għadd totali ta' tweġibiet għal applikazzjonijiet konfermatorji kien jikkorrispondi mill-qrib man-numru ta' applikazzjonijiet li waslu (162 każ magħluqa fl-2011 meta mqabbla ma' 150 fl-2010). Fost dawk, 144 tweġiba (89 %) kienu **d-deċiżjonijiet konfermattivi** dwar l-aċċess għad-dokumenti skont ir-Regolament 1049/2001. L-għadd tagħhom żdied fl-2011 bi 18 % meta mqabbel mal-2010 fejn inħarġu 122 deċiżjoni bħal dawn.

- 4.3. Fl-2011, id-DĠ għat-Tassazzjoni u l-Unjoni Doganali rċieva l-ogħla numru ta' talbiet inizjali (7,80 %), segwit mill-qrib ħafna mid-DĠ Kompetizzjoni b'6,99 % tal-applikazzjonijiet inizjali, u d-DĠ Saħħa u Ħarsien tal-Konsumatur, b'6,96 %. Ta' min jinnota ż-żieda fl-interess fis-setturi li reċentement ġew riorganizzati fejn erba' Direttorati-Ġenerali ġodda ħadu post it-tnejn li kienu jeżistu qabel: id-Direttorati Ġenerali Mobilità u Trasport flimkien ma' dak tal-Enerġija (li qabel kien jissejjaħ id-DĠ Trasport u Enerġija) kif ukoll id-Direttorati-Ġenerali Ambjent flimkien ma' dak dwar l-Azzjoni dwar il-Klima (li qabel kien jissejjaħ id-DĠ Ambjent).

"SECRET" jew "CONFIDENTIEL" skont ir-regoli tal-istituzzjoni rilevanti, li jħarsu l-interessi essenzjali tal-Unjoni Ewropea jew ta' wieħed jew aktar mill-Istati Membri tagħha fl-oqsma koperti mill-Artikolu 4(1)(a), partikolarment is-sigurtà pubblika, kwistjonijiet militari u tad-difiża" (l-Artikolu 9(1))

Għalkemm ir-relazzjonijiet esterni tal-UE saru kompetenza tas-Servizz Ewropew il-ġdid għall-Azzjoni Esterna, fl-2011 dan kien għadu mhux rifless fl-istatistika tal-Kummissjoni, peress li r-reġistri tagħha komplew ikopru l-biċċa l-kbira tat-talbiet rispettivi skont ir-Regolament 1049/2001.

- 4.4. Id-dinja akkademika ippruvat għal darb'oħra li hija l-aktar kategorija attiva mill-applikanti, meta kienet responsabbli għal 25,73 % tal-applikazzjonijiet inizjali. Bħal fis-snin preċedenti ġiet segwita minn ditti legali bi 11,30 % u s-soċjetà ċivili (NGOs, gruppi ta' interess) b'8,59 % tal-għadd totali tal-applikazzjonijiet. Il-profil soċjoprofessionali mhuwiex iddefinit fil-każ ta' 34,78 % tal-applikazzjonijiet.
- 4.5. It-tqassim ġeografiku tal-applikazzjonijiet inizjali wkoll baqa' simili għal snin preċedenti b'żieda żgħira fir-rigward tal-proporzjon tal-applikazzjonijiet ġejjin mill-Belġju li dejjem ikun l-akbar wieħed (21,42 %). Kważi l-istess numru ta' applikazzjonijiet oriġina mill-Italja u mill-Ġermanja (12,37 % u 12,27 % rispettivament). L-ebda wieħed mill-Istati Membri l-oħra, ma qabeż l-10 % tal-applikazzjonijiet, bl-akbar għadd ġej mill-Istati Membri li għandhom popolazzjoni kbira, jiġifieri Franza, Spanja, ir-Renju Unit, il-Pajjiżi l-Baxxi u l-Polonja. Il-proporzjon tal-applikazzjonijiet mit-12-il Stat Membru l-"ġdid" għadu f'it 'l isfel mill-proporzjon korrispondenti li joriġina mill-Istati Membri l-"qodma".
5. L-Aplikazzjoni tal-Eċċezzjonijiet għad-Dritt ta' aċċess
 - 5.1. Fl-2011, il-proporzjon tal-applikazzjonijiet li kienu totalment rifjutati fl-ewwel istanza baqa' kważi identiku mas-sena preċedenti (12,17 % fl-2011 kontra 12,47 % fl-2010). F'erbgħa minn kull ħames każijiet (80,20 % kontra 82,16 % fl-2010) ingħata żvelar sħiħ filwaqt li żdied f'it il-persentaġġ ta' dokumenti parzjalment żvelati meta mqabbel mas-snin preċedenti biex laħaq is-7,63 % (meta mqabbel ma' 5,37 % fl-2010).
 - 5.2. L-għadd ta' każijiet fejn, wara applikazzjoni konfermatorja, il-Kummissjoni qalbet il-pożizzjoni meħuda mis-servizzi tagħha billi żvelat kompletament dokumenti li qabel kienu miċħuda, baqa' pjuttost stabbli (14,58 % kontra 15,57 % fl-2010). Madankollu, kien hemm inqas każijiet fejn ir-rifjut kien kompletament ikkonfermat u għadd notevolment akbar ta' każijiet fejn ingħata aċċess usa' wara applikazzjoni konfermatorja.
 - 5.3. Għalkemm il-protezzjoni tal-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet tal-Kummissjoni (l-Artikolu 4(3)) tammonta għal persentaġġ kemm kemm imnaqqas ta' raġunijiet ta' rifjut meta mqabbel mas-sena ta' qabel (25,73 % kontra 26,42 % fl-2010), tiġi l-ewwel fil-lista ta' l-aktar eċċezzjonijiet li jiġu invokati spiss, u tiżboq l-eċċezzjoni tal-protezzjoni tal-iskop tal-ispezzjonijiet, investigazzjonijiet u verifiki (it-tielet inċiż tal-Artikolu 4(2)), li s-sena li għaddiet naqset bi kważi 5 % sabiex laħqet il-21,90 % tal-każijiet (kontra 26,63 % fl-2010).
 - 5.4. It-tendenza li qed tiżdied għandha tiġi nnutata f'dak li jirrigwarda l-protezzjoni tal-interessi kummerċjali (16,83 % kontra 11,84 % fl-2010) u l-ħarsien tar-relazzjonijiet internazzjonali (12,02 % kontra 9,83 % fl-2010).
 - 5.5. L-aktar raġuni invokata ta' spiss għall-konferma tar-rifjut għall-aċċess kienet, bħal fi snin preċedenti, il-protezzjoni tal-iskop tal-investigazzjonijiet (32,68 % meta mqabbla ma' 32 % fl-2010).

- Il-protezzjoni tal-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet tal-Kummissjoni, kienet invokata fl-19,33 % tal-każijiet (eżattament l-istess bħal fl-2010) iżda dan in-numru huwa riżultat akkumulat ta' żieda rigward il-każijiet fejn il-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet kien għaddej (15,33 % kontra 11,33 % fis-sena preċedenti) u t-tnaqqis parallel ta' każijiet dwar opinjonijiet għall-użu intern, fejn id-deċiżjoni kienet diġà tteħdet (4 % meta mqabbel ma' 8 % fl-2010).
- Żieda importanti għandha tiġi nnutata rigward il-protezzjoni tal-privatezza u l-integrità tal-individwi (20,67 % kontra 9,33 % fl-2010). Min-naħa l-oħra, il-protezzjoni tal-interessi kummerċjali kienet invokata ftit inqas spiss milli fis-snin preċedenti (14,10 % meta mqabbla ma' 16,67 % fl-2010), u bl-eċċezzjoni tal-protezzjoni tal-proċedimenti fil-qrati u l-pariri legali kienet saħansitra aktar minn hekk (1,33 % kontra 10 % fis-sena preċedenti).

6. Ilmenti lill-Ombudsman Ewropew

- 6.1. Fl-2011 l-Ombudsman għalaq dawn is-17-il ilment kontra l-mod kif il-Kummissjoni trattat it-talbiet ta' aċċess għal dokumenti:

| Każ wieħed (1) magħluq mingħajr ma nstabet xi forma ta' amministrazzjoni | | | |
|---|-------------------|---------------|------------------|
| 1735/2010/MHZ | | | |
| 8 każijiet magħluqa b'rimarka kritika u/jew ulterjuri | | | |
| 56/2007/PB | 3196/2007/(BEH)VL | 1633/2008/DK | 1294/2009/TN |
| 271/2010/GG | 1403/2010/GG | 2073/2010/AN | 339/2011/AN |
| 8 każijiet magħluqa mingħajr ma tteħdet azzjoni oħra | | | |
| 715/2009/ANA | 1861/2009/(JF)AN | 1051/2010/BEH | 1109/2010/VL |
| 1577/2010/GG | 1581/2010/(FS)GG | 2609/2010/BEH | 2691/2010/(VL)GG |

- 6.2. Matul is-sena l-Ombudsman fetax 10 inkjesti ġodda fejn l-aċċess għad-dokumenti kien jew il-parti prinċipali jew dik sussidjarja tal-ilment. Dan hu konsiderevolment inqas milli fl-2010, meta nfetħu 22 investigazzjoni.

7. Reviżjoni ġudizzjarja

Bħal fis-snin preċedenti, ġiet deċiża każistika sinjifikanti ġdida fl-2011³.

- 7.1. Il-Qorti tal-Ġustizzja qatgħet sentenza importanti fuq l-appell fil-każ *My Travel*⁴. Il-Qorti saħħet l-oneru tal-prova għall-invokar tal-eċċezzjonijiet immirati lejn il-protezzjoni tal-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet u l-pariri legali fir-rigward ta' dokumenti interni relatati ma' materji mhux leġiżlattivi, fejn tkun diġà ġiet adottata deċiżjoni.

³ Għad-dettalji ta' kull każ imsemmi hawn taħt, ara <http://curia.europa.eu/jurisp/cgi-bin/form.pl?lang=en>
⁴ **Każ C-506/08 P *l-Isvezja/MyTravel* u l-Kummissjoni**, tal-21/7/2011.

7.2. Fir-rigward tal-Qorti Ġenerali, din qatgħet 6 sentenzi marbuta mad-dritt tal-aċċess għal dokumenti:

| | | |
|--|--|--|
| T-362/08 <i>IFAW v il-Kummissjoni</i> , sentenza tat-13.1.2011 | T-250/08, <i>Batchelor v il-Kummissjoni</i> , sentenza tal-24.5.2011 | Każijiet konġunti T-109/05 u T-444/05, <i>Navigazione Libera del Golfo v il-Kummissjoni</i> , sentenza tal-24.5.2011 |
| T-161/04, <i>V. Jordana v il-Kummissjoni</i> , sentenza tas-7.7.2011 | T-29/08 <i>LPN v il-Kummissjoni</i> , sentenza tad-9.9.2011 | T-437/08 <i>CDC v il-Kummissjoni</i> , sentenza tal-15.12.2011 |

Fis-sentenzi *Batchelor* u *IFAW II*, il-Qorti pprovdiet kjarifiki importanti rigward il-valutazzjoni tal-oġġezzjonijiet tal-Istati Membri għall-iżvelar ta' dokumenti li joriġinaw minnhom iżda miżmuma mill-Kummissjoni.

F'*Navigazione Libera del Golfo*, il-Qorti Ġenerali annullat id-deċizzjoni tal-Kummissjoni li ttieħdet qabel is-sentenza *l-Isvezja v il-Kummissjoni (IFAW I)* tal-Qorti tal-Ġustizzja u fejn l-oġġezzjoni ta' Stat Membru kienet invokata mingħajr motivazzjoni ulterjuri biex ma tiżvelax dokument li joriġina minn dak l-Istat Membru.

Fis-sentenza tagħha mogħtija fil-każ *Jordana*, il-Qorti ċċarat li l-Artikolu 4(1)(b) tar-Regolament hija dispożizzjoni indiviżibbli li tirrikjedi li kwalunkwe imminar tal-privatezza jew l-integrità tal-individwu għandu dejjem jiġi eżaminat u vvalutat f'konformità mal-leġiżlazzjoni tal-UE rigward il-protezzjoni tad-dejta personali, partikolarment mar-Regolament 45/2001.

Fil-każ *LPN*, il-Qorti kkonfermat l-eżistenza ta' preżunzjoni ġenerali li l-iżvelar ta' dokumenti fil-proċedimenti ta' ksur fil-prinċipju jdgħajjef il-protezzjoni tal-għan tal-attivitajiet ta' investigazzjoni, sakemm dawn il-proċedimenti għadhom għaddejjin.

Fl-aħħar, fis-sentenza tas-*CDC*, il-Qorti ddeċidiet li l-protezzjoni tal-iskop tal-investigazzjonijiet ma setgħetx tiġi invokata biex jiġi rrifjutat l-aċċess għal lista ta' dokumenti.

Għandhom jissemmew tliet każijiet oħra li tneħħew mir-reġistru wara l-irtirar mill-applikant:

| | | |
|---|---|--|
| T-88/11 <i>BIA Separations v il-Kummissjoni</i> | T-14/11 <i>Timab Industries u CFPR v il-Kummissjoni</i> | T-399/07, <i>Basell Polyolefine v il-Kummissjoni</i> |
|---|---|--|

7.3. Il-Qorti ddeċidiet li ma taġġudikax f'ames każijiet u għalhekk ordnat it-tneħħija taġġhom mir-reġistru:

| | | |
|---|---|---|
| T-411/09, <i>Terezakis v il-Kummissjoni</i> | T-291/10, <i>A. Martin v il-Kummissjoni</i> | T-395/10 <i>Stichting Corporate Europe Observatory v il-Kummissjoni</i> |
| T-120/10 <i>ClientEarth and Others v il-Kummissjoni</i> | T-449/10 <i>ClientEarth and Others v il-Kummissjoni</i> | |

7.4. Fl-2010 tressqu 15-il-każ ġdid kontra deċiżjonijiet tal-Kummissjoni taħt ir-Regolament (KE) Nru 1049/2001.

| | | |
|---|--|--|
| T-603/11 <i>Ecologistas en Acción-CODA v il-Kummissjoni</i> | T-545/11 <i>Stichting Greenpeace Nederland u PAN Europe v il-Kummissjoni</i> | T-534/11 <i>Schenker v il-Kummissjoni</i> |
| T-516/11 <i>MasterCard and Others v il-Kummissjoni</i> | T-480/11 <i>Technion - Israel Institute of Technology u Technion Research & Development v il-Kummissjoni</i> | T-362/11 <i>Stichting Greenpeace Nederland u PAN Europe v il-Kummissjoni</i> |
| T-341/11 <i>Ecologistas en Acción-CODA v il-Kummissjoni</i> | T-330/11 <i>MasterCard and Others v il-Kummissjoni</i> | T-278/11 <i>ClientEarth and Others v il-Kummissjoni</i> |
| Case T-211/11 <i>Timab Industries u CFPR v il-Kummissjoni</i> | T-111/11 <i>ClientEarth v il-Kummissjoni</i> | T-93/11 <i>Stichting Corporate Europe Observatory v il-Kummissjoni</i> |
| T-14/11 <i>Timab Industries u CFPR v il-Kummissjoni</i> | T-88/11 <i>BIA Separations v il-Kummissjoni</i> | T-447/11 <i>Catinis v il-Kummissjoni</i> |

7.5. Barra minn dan, tliet appelli ġodda tressqu quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja kontra ordni/sentenza tal-Qorti Ġenerali.

| | | |
|--|---|--|
| C-208/11P <i>Internationaler Hilfsfonds v il-Kummissjoni</i> | C-554/11 P <i>Internationaler Hilfsfonds v il-Kummissjoni</i> | Każ C-135/11 P <i>IFAW Internationaler Tierschutz-Fonds v il-Kummissjoni</i> |
|--|---|--|

8. Konklużjonijiet

Wara disa' snin ta' żieda kontinwa, in-numru ta' talbiet għall-aċċess imressqa quddiem il-Kummissjoni baqa' fl-istess livell fl-2010 u l-2011. Bi kważi 6500 talba fis-sena, il-Kummissjoni ttrattat dak li bil-bosta kien l-akbar numru ta' talbiet għall-aċċess tal-istituzzjonijiet u l-korpi kollha tal-Unjoni Ewropea.

Din l-istabbilizzazzjoni tal-volum tat-talbiet hija possibbilment indikazzjoni li d-dritt tal-aċċess għad-dokumenti laħaq livell sinifikanti ta' rikonossiment pubbliku fost iċ-ċittadini Ewropej, is-soċjetà ċivili u l-operaturi ekonomiċi. Fl-ispirtu tat-Trattat ta' Lisbona, tali kuxjenza twitti t-triq għal żieda tad-dibattitu pubbliku u l-parteċipazzjoni tagħhom aktar mill-qrib fit-tfassil tal-politiki Ewropej.

Min-naħa l-oħra, il-ħtieġa li jagħmlu talbiet għal aċċess għad-dokumenti tonqos hekk kif il-Kummissjoni gradwalment iżżid l-iżvelar proattiv ta' dokumenti u informazzjoni permezz ta' reġistri pubbliċi u websajts.

Trasparenza attiva b'mod ġenerali ntlaħqet fir-rigward tal-attività leġislattiva. Ammont sinifikanti ta' talbiet għall-aċċess u kważi l-applikazzjonijiet konfermatorji kollha jikkonċernaw l-attivitajiet tal-Kummissjoni fil-qasam tal-monitoraġġ tal-applikazzjoni tal-liġi tal-UE. Dawn it-talbiet għandhom ikunu indirizzati b'mod parallel mal-investigazzjonijiet ikkonċernati. F'każijiet bħal dawn il-Kummissjoni trid issib il-bilanċ ġust bejn l-iżgurar tat-trasparenza tal-attivitajiet tagħha u l-protezzjoni ta' drittijiet oħra li huma garantiti bil-liġi u mill-każistika tal-Qrati Ewropej.

ANNEX

Statistika dwar l-applikazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 1049/2001

1. L-GĦADD TA' DOKUMENTI MNIŻŻLA FIR-REĠISTRU

| | COM | C | ĠU | PV | SEC | Totali |
|------|------|-------|-----|----|------|--------|
| 2011 | 2414 | 14025 | 131 | 93 | 3293 | 19956 |

IT-TALBIET INIZJALI

2. L-APPLIKAZZJONIJIET IRĊEVUTI U PPROĊESSATI

| | 2009 | 2010 | 2011 |
|--|------|------|------|
| Applikazzjonijiet irċevuti | 5401 | 6361 | 6477 |
| Tweġibiet mogħtija ^{5 6} . | 6636 | 7148 | 7075 |
| Tweġibiet mogħtija abbażi tar-Regolament 1049/2001 | 5055 | 6127 | 6055 |

3. RIŻULTAT

| | 2009 | | 2010 | | 2011 | |
|-----------------|------|-------|------|-------|------|-------|
| | Nru | % | Nru | % | Nru | % |
| Aċċess mogħt | 4258 | 84.23 | 5034 | 82.16 | 4856 | 80.20 |
| Aċċess miċħud | 589 | 11.65 | 764 | 12.47 | 737 | 12.18 |
| Aċċess parzjali | 208 | 4.11 | 329 | 5.37 | 462 | 7.62 |
| totali | 5055 | 100 | 6127 | 100 | 6055 | 100 |

⁵ Jekk jogħġbok innota li talba waħda tista' tkopri diversi dokumenti u konsegwentement tista' twassal għal bosta tweġibiet differenti;

⁶ Jekk jogħġbok innota li l-kategorija "Tweġibiet mogħtija" tinkludi t-tweġibiet mogħtija 'l barra mill-ambitu tar-Regolament 1049/2001, pereżempju t-tweġibiet mogħtija skont ir-Regolament 45/2001.

TALBIET TA' KONFERMA

4. L-APPLIKAZZJONIJIET IRĊEVUTI U PPROĊESSATI

| | 2009 | 2010 | 2011 |
|--|------|------|------|
| Applikazzjonijiet irċevuti | 140 | 181 | 165 |
| Tweġibiet għal applikazzjonijiet | 134 | 152 | 162 |
| Deċiżjonijiet dwar applikazzjonijiet konfermatorji abbażi tar-Regolament 1049/2001 | 120 | 122 | 144 |

5. RIŻULTAT

| | 2009 | | 2010 | | 2011 | |
|--------------------|------------|-------|------------|-------|------------|-------|
| | Nru | % | Nru | % | Nru | % |
| Konferma | 27 | 22.50 | 61 | 50 | 61 | 42.36 |
| Reviżjoni parzjali | 33 | 27.50 | 42 | 34.43 | 62 | 43.05 |
| Reviżjoni sħiħa | 60 | 50 | 19 | 15.57 | 21 | 14.58 |
| totali | 120 | 100 | 122 | 100 | 144 | 100 |

(1) ID-DISTRIBUZZJONI TAR-RIFJUTI SKONT L-EĊĊEZZJONI APPLIKATA (%)

6. IT-TALBIET INIZJALI

| | 2009 | 2010 | 2011 |
|--|-------|-------|-------|
| 4.1.a. l-1 ^{el} inċiż – Protezzjoni tas-sigurtà pubblika | 1.36 | 1.94 | 2.40 |
| 4.1.a. it-2 ⁱ inċiż – Protezzjoni tad-difiża u l-kwistjonijiet militari | 0.54 | 0.14 | 0.39 |
| 4.1.a. it-3 ^{et} inċiż – Protezzjoni ta' relazzjonijiet internazzjonali | 8.17 | 9.83 | 12.02 |
| 4.1.a. ir-4 ^a inċiż – Protezzjoni tal-politika finanzjarja, monetarja u ekonomika | 2.09 | 2.15 | 1.88 |
| 4.1.b. Protezzjoni tal-privatezza u l-integrità tal-individwu | 6.99 | 9.76 | 8.90 |
| 4.2.L-1 inċiż - Protezzjoni tal-interessi kummerċjali | 13.99 | 11.84 | 16.83 |
| 4.2 It-2 inċiż - Protezzjoni tal-proċedimenti fil-qrati u pariri legali | 9.81 | 7.32 | 6.76 |
| 4.2 It-3 inċiż - Protezzjoni għall-iskop ta' spezzjonijiet, investigazzjoni u verifiki | 27.61 | 26.63 | 21.90 |
| 4.3 subparagrafu 1 - Proċess ta' teħid ta' deċiżjonijiet, għadha ma tteħdet l-ebda deċiżjoni | 17.80 | 16.80 | 17.15 |
| 4.3. subparagrafu 2- Proċess ta' teħid ta' deċiżjonijiet, deċiżjoni li diġà tteħdet: opinjonijiet għall-użu intern bħala parti mid-deliberazzjonijiet u l-konsultazzjonijiet preliminari | 7.81 | 9.62 | 8.58 |
| 4.5. Rifjut mill-Istat Membru/it-tielet l-awtur | 3.81 | 3.94 | 3.18 |
| totali | 100 | 100 | 100 |

7. TALBIET TA' KONFERMA

| | 2009 | 2010 | 2011 |
|---|-------|-------|-------|
| 4.1.a. l-1 ^{el} inċiż – Protezzjoni tas-sigurtà pubblika | 2.55 | 2,67 | 1.33 |
| 4.1.a. it-2 ⁱ inċiż – Protezzjoni tad-difiża u l-kwistjonijiet militari | 0 | 0 | 2.00 |
| 4.1.a. . it-3 ^{el} inċiż – Protezzjoni ta' relazzjonijiet internazzjonali | 4.38 | 6,67 | 4.67 |
| 4.1.a. ir-4 ^a inċiż – Protezzjoni tal-politika finanzjarja, monetarja u ekonomika | 3.28 | 3,33 | 3.34 |
| 4.1.b. - Protezzjoni tal-privatezza u l-integrità tal-individwu | 14.23 | 9,33 | 20.67 |
| 4.2. L-1 inċiż - Protezzjoni tal-interessi kummerċjali | 17.52 | 16.67 | 14.66 |
| 4.2. It-2 inċiż - Protezzjoni tal-proċedimenti fil-qrati u pariri legali | 5.47 | 10 | 1.33 |
| 4.2. It-3 inċiż - Protezzjoni għall-iskop ta' spezzjonijiet, investigazzjonijiet u verifiki | 25.91 | 32 | 32.68 |
| 4.3 subparagrafu 1 - Proċess ta' teħid ta' deċiżjonijiet, għadha ma tteħdet l-ebda deċiżjoni | 12.77 | 11,33 | 15.33 |
| 4.3 subparagrafu 2- Proċess ta' teħid ta' deċiżjonijiet, deċiżjoni li diġà tteħdet: opinjonijiet għall-użu intern bħala parti mid-deliberazzjonijiet u l-konsultazzjonijiet preliminari | 13.87 | 8 | 4.00 |
| 4.5. Rifjut tal-Istat Membru | - | - | - |
| totali | 100 | 100 | 100 |

ANALIŻI TAT-TALBIET

8. SKONT IL-PROFIL SOĊJALI U PROFESSIONALI TAL-APPLIKANTI (%)

| | 2009 | 2010 | 2011 |
|--|-------|-------|-------|
| Akkademiċi | 21.29 | 23.24 | 25.73 |
| Avukati | 10.24 | 10.69 | 11.30 |
| Is-soċjetà ċivili (gruppi ta' interess, industrija, NGOs eċċ.) | 9.85 | 8.18 | 8.59 |
| Awtoritajiet pubbliċi (minbarra l-istituzzjonijiet tal-UE) | 7.33 | 13.56 | 8.20 |
| Istituzzjonijiet oħra tal-UE | 3.77 | 8.32 | 8.15 |
| Ġurnalisti | 2.02 | 3.35 | 3.25 |
| Mhux speċifikati | 45.5 | 32.68 | 34.78 |
| totali | 100 | 100 | 100 |

9. SKONT L-ORIĠINI ĠEOGRAFIKA (%)

| | 2009 | 2010 | 2011 |
|----------------------------------|-------|-------|-------|
| Il-Belġju | 18.26 | 17.95 | 21.42 |
| L-Italja | 7.18 | 8.85 | 12.37 |
| Il-Ġermanja | 16.61 | 16.62 | 12.27 |
| Franza | 8.01 | 9.05 | 8.90 |
| Ir-Renju Unit | 6.23 | 7.24 | 8.59 |
| Spanja | 6.27 | 6.86 | 7.16 |
| L-Olanda | 5.45 | 4.43 | 4.18 |
| Il-Polonja | 2.86 | 2.76 | 2.68 |
| Il-Lussemburgu | 1.71 | 1.99 | 2.12 |
| Id-Danimarka | 1.63 | 2.02 | 2.11 |
| L-Isvezja | 2.13 | 2.18 | 1.81 |
| Il-Finlandja | 0.78 | 0.81 | 1.57 |
| L-Awstrija | 1.98 | 2.08 | 1.38 |
| Il-Portugall | 1.61 | 1.16 | 1.15 |
| Il-Greċja | 1.06 | 1.22 | 1.10 |
| L-Irlanda | 0.72 | 1.49 | 1.02 |
| L-Ungerija | 0.70 | 0.89 | 0.96 |
| Ir-Repubblika Ċeka | 1.11 | 4.23 | 0.93 |
| Il-Bulgarija | 0.56 | 0.69 | 0.93 |
| Ir-Rumanija | 0.93 | 1.11 | 0.87 |
| Is-Slovakkja | 0.50 | 0.56 | 0.56 |
| Il-Litwanja | 0.35 | 0.31 | 0.42 |
| Is-Slovenja | 0.39 | 0.52 | 0.31 |
| Ċipru | 0.20 | 0.20 | 0.25 |
| L-Estonja | 0.17 | 0.09 | 0.19 |
| Il-Latvja | 0.06 | 0.13 | 0.15 |
| Malta | 0.30 | 0.22 | 0.12 |
| Pajjiżi Ewropej li mhumiex fl-UE | 0.83 | 0.50 | 0.40 |
| L-Amerika ta' Fuq | 0.37 | 0.11 | 0.23 |
| L-Awstralja u New Zealand | 0.07 | 0.09 | 0.03 |
| L-Afrika | 0.20 | 0.05 | 0.02 |
| L-Amerika t'Isfel | 0.09 | 0.05 | 0.02 |
| L-Asja | 0.19 | 0.04 | 0.06 |
| Mhux speċifikati | 10.57 | 3.49 | 3.73 |
| totali | 100 | 100 | 100 |

10. SKONT IL-QASAM TA' INTERESS (%)

| Direttorat Ġenerali/Servizz | 2009 | 2010 | 2011 |
|---|-------|-------|-------|
| SG – Segretarjat Ġenerali | 10.10 | 11.64 | 10.12 |
| TAXUD – Tassazzjoni u Unjoni Doganali | 6.20 | 5.30 | 7.80 |
| COMP – Kompetizzjoni | 7.03 | 9.07 | 6.99 |
| SANCO – Saħħa u Konsumaturi | 4.69 | 5.44 | 6.96 |
| ENV – Ambjent ⁷ | 8.37 | 4.86 | 6.37 |
| ENER – Enerġija | - | 2.91 | 5.86 |
| MARKT – Suq intern u servizzi | 7.27 | 6.14 | 5.72 |
| ENTR – Intrapriża u Industrija | 4.55 | 4.48 | 4.84 |
| HOME - Affarijiet Interni | - | 1.63 | 4.74 |
| TRADE – Kummerċ | 2.08 | 3.06 | 3.47 |
| DEVCO – Żvilupp u Kooperazzjoni-EuropeAid (li kienu DEV + AIDCO) | 2.75 | 2.77 | 3.30 |
| MOVE – Mobilità u Trasport | - | 3.13 | 3.02 |
| SJ – Servizz Legali | 1.80 | 2.68 | 2.76 |
| AGRI – Agrikoltura u Żvilupp Rurali | 4.07 | 3.15 | 2.62 |
| JUST - Ġustizzja (li qabel kien JLS) ⁸ | 7.74 | 6.75 | 2.54 |
| RELEX – Relazzjonijiet Esterni ⁹ | 2.25 | 3.29 | 2.39 |
| HR - Riżorsi Umani u Sigurtà + OIB + OIL - I-Uffiċji għall-Infrastruttura u I-Loġistika fi Brussell u I-Lussemburgu + PMO - Uffiċċju għall-Amministrazzjoni u Flus ta' Drittijiet Individwali | 3.15 | 2.29 | 2.34 |
| REGIO – Politika reġjonali | 3.67 | 3.06 | 2.29 |
| CLIMA – Azzjoni Klimatika | - | 1.21 | 2.22 |
| INFSO - Soċjetà tal-Infommazzjoni | 2.29 | 1.79 | 1.98 |
| EMPL – Impjiegi, Affarijiet Soċjali u Inklużjoni | 3.28 | 2.74 | 1.64 |
| ECFIN – Affarijiet Ekonomiċi u Finanzjarji | 1.87 | 2.32 | 1.57 |
| RTD - Riċerka u Innovazzjoni + ĊKR - Ċentru Konġunt tar-Riċerka | 1.74 | 1.82 | 1.27 |
| COMM – Servizz Komunikazzjoni | 0.41 | 0.74 | 1.26 |
| EAC – Edukazzjoni u kultura | 1.44 | 1.13 | 1.05 |
| ELARG – Tkabbir | 1.74 | 1.47 | 1.04 |
| BUDG – Baġit | 1.07 | 1.24 | 1.02 |
| MARE - Affarijiet Marittimi u Sajd | 0.79 | 0.66 | 0.95 |
| OP – Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet | 0.19 | 0.19 | 0.37 |
| ECHO – Għajnuna Umanitarja u Protezzjoni Ċivili | 0.24 | 0.28 | 0.33 |
| OLAF – Uffiċċju Ewropew għall-Ġlieda kontra l-Frodi | 0.24 | 0.27 | 0.25 |
| EPSO – European Personnel Selection Office | 0.26 | 0.14 | 0.23 |
| ESTAT – Eurostat | 0.11 | 0.31 | 0.20 |
| DGT – Traduzzjoni | 0.13 | 0.36 | 0.14 |

⁷ Please note that DG ENV split into DG ENV and DG CLIMA in 2010;

⁸ Jekk jogħġbok innota li DG JLS inqasam f'DG JUST u DG HOME fl-2010;

⁹ Jekk jogħġbok innota li l-biċċa l-kbira tal-attività tad-DG RELEX ittiedet mis-Servizz Ewropew għal Azzjoni Esterna mill-1 ta' Jannar 2011;

| | | | |
|---|------|------|------|
| CAB – Kabinetti tal-Kummissarji | 0.30 | 0.28 | 0.11 |
| BEPA - Uffiċċju tal-Konsulenti tal-Politika Ewropea | 0.06 | 0.03 | 0.11 |
| DIGIT – Informatika | 0.07 | 0.09 | 0.09 |
| IAS – Servizz ta' Verifika interna | 0.02 | 0.09 | 0.05 |
| SCIC – Servizz Komuni tal-Interpretazzjoni | 0.02 | 0.08 | 0.00 |
| TREN ¹⁰ | 8.02 | 1.10 | - |
| totali | 100 | 100 | 100 |

¹⁰ Jekk jogħġbok innota li DĠ TREN inqasam f'DĠ ENER u DĠ MOVE fl-2010;